MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 413/2003

**Marco Paul Vella, Brian Micallef, Richard Muscat,Ryan Naudi, Robert Fenech, Mark Farrugia u Jesmond Bouvet**

**vs**

**Topserv Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' somma ta' erbat elef disa' mija u hamsin Lira Maltin (LM4,950.00,0), liema somma tirrapprezenta arretrati ta' pagi dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-atturi;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-30 ta' Marzu tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------